31997R2052

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 2052/97

ta' l-20 ta' Ottubru 1997

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1501/95 li jistabbilixxi ċertu regoli dettaljati għal applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar rifużjoni fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' ċaqliq fis-suq taċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 fuq l-organizzazjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ([1]), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 923/96 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 ([3]), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1259/97 ([4]), jipprovdi l-miżuri li jistgħu jiġu adottati skond l-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92; billi, sabiex jiġu ċċarati numru ta' domandi rigward ir-responsabiltajiet u l-proċedura, it-test tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 għandu jerġa jiġi miktub mill-ġdid;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali ma tax opinjoni matul il-perjodu taż-żmien stipulat mill-President tal-Kumitat,

ADOTTAT DAN IL-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 17

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 15 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92. Madankollu, f'każ ta' emerġenza, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara li jiġi ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Ottubru 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
([2]) ĠU L 126, ta' l-24.5.1996, p. 37.
([3]) ĠU L 147, tat-30.6.1995, p. 7.
([4]) ĠU L 174, tat-2.7.1997, p. 10.